# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar l-24 ta' Frar, 2025

Avviz tat-Talba numru: 288/2024 CL

**Christopher Mangion ( KI nru: 0439188M[1])**

**VERSUS**

**Contractors Only Limited (C96424)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-25 ta' Ottubru 2024 fejn l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tigi ddikjarata debitrici tal-attur u ikkundanata thallas is-somma ta' tlett elef mitejn u tmienja u ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (€3,228.34), liema somma tirrapprezenta kiri ta' apparat ta' scaffolding lill-socjeta konvenuta fit-18 ta' Novembru 2022 ghal dsatax-il gurnata bil-prezz ta' €20 kuljum li kienet tammonta ghal €380 fimkien ma' €2,848.34 li hija l-valur tal-istess scaffolding li baqa' qatt ma gie ritornat. Gew pprezentati kopja ta' skambju t'emails u *delivery note* anness u mmarkati Dok CM1 u Dok CM2.Illi matul il-kirja l-esponenti gie infurmat mis-socjeta konvenuta li l-iscaffolding kien gie misruq u b'hekk ma ritornawx l-iscaffolding. Illi l-attur kiseb stima ta' scaffolding simili li jammonta ghal €2848.34 (Dok CM3) izda minkejja li talab lis-socjeta konvenuta anke permess ta' ittra ufficjali (Dok CM4) biex jhallas l-ammont ta' €3228.34 dan baqa' ma thallasx.

Ra li ghad li debitament notifikata bl-atti ta' dawn il-proceduri, is-socjeta konvenuta naqset milli tipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha (jew xi difensur ghaliha) ghas-smigh ta' dan il-procediment.

It-Tribunal jikkunsidra;

*Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a) Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun*

[1] In-nurmu tal-karta tal-identita tal-attur giet emendata wara li t-Tribunal innota li kienet giet indikata hazina wara li inghatat is-sentenza

*possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."*

*Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."*

Fil-kaz prezenti, s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali. Minkejja tali notifika, is-socjeta konvenuta la resqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti u, lanqas ma deher xi rapprezentant legali taghha sabiex isseh kontestazzjoni tat-talba tal-attur fl-udjenzi sussegwenti. Tali socjeta konvenuta ghalhekk, kienet fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-udjenza tat-13 ta' Jannar, 2025. Xehed Christopher Mangion li ikkonferma li hu kellu jithallas circa €3,500 tal-kirja tal-iscaffolding u tal-valur tal-iscaffolding ghax qatt ma kien gie rritornat lilu mis-socjeta konvenuta.

Fil-konfront ta' l-imsemmija socjeta konvenuta gie prezentant kapitolu mill-attur waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2025. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tad-29 ta' Jannar 2025, peress li s-socjeta konvenuta naqset milli tirregistra dehera biex twiegeb ghal tali kapitolu. It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[2] illi *"din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attur u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-istess attur is-somma ta' tlett elef mitejn u tmienja ghoxrin euro u erbgha u tletin centezmu (€3,228.34), bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena mill-20 ta' Marzu 2023[3] sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma a kariku tas-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

[2] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998

[3] Skond kif gie mitlub mill-attur ghalkemm id-data tal-ittra ufficjali hija 7 ta' Frar 2023 u giet notifikata fil-15 t'a Frar 2023.